MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 1044/2008

Anthony **MUSCAT** u Malcolm Muscat

**vs**

Anthony **NICHOLL**, Patrick Nicholl, Pharma.MT Limited (C-42603) u Valletta Pharmaceuticals Limited (C-37635)

**Il-Qorti**:

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-14 ta' Ottubru, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti Muscat talbu li din il-Qorti (a) ssib li mġiebet l-intimati Nicholl, ukoll permezz tal-kumpannija intimata, kienet abbużiva u irregolari; (b) ssib li dik l-imġiba tal-intimati Nicholl ġabitilhom ħsara u dannu konsistenti fit-tnaqqis tal-valur tal-ishma tagħhom fil-kumpannija Interpharma Company Limited inkluż tnaqqis fil-valur ekonomiku ta' l-avvjament tagħha u telf ta' tkabbir tal-istess avvjament; (ċ) tillikwida d-danni mġarrbin mill-atturi, jekk meħtieġ billi tqabbad

perit biex jagħmel dik il-likwidazzjoni; u (d) tikkundanna lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, biex iħallsu s-somma ta' danni hekk likwidata. Talbu wkoll il-ħlas tal-ispejjeż;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-3 ta' Novembru, 2008, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, (i) qalu li r-Rikors Maħluf ma jiswiex għaliex ma jħarisx dak li titlob il-liġi fl-artikolu 156(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta minħabba premessi vagi li ma jidentifikawx liema mill-premessi japplika għal min minnhom; (ii) qalu li l-kumpannija mħarrka Valletta Pharmaceuticals Limited imissha tinħeles milli tibqa' fil-kawża għaliex mhix il-kontradittriċi leġittima dwar l-ebda waħda mit-talbiet attriċi u għaliex hija m'għandha l-ebda rappreżentanza f'Malta ta' xi ditti barranin li kienu jqassmu l-prodotti tagħhom lill-kumpannija Interpharma Company Limited; (iii) qalu li l-kumpannija mħarrka Pharma.MT Limited ukoll imissha tinħeles milli tibqa' fil-kawża għaliex mhix il-kontradittriċi leġittima dwar l-ebda waħda mit-talbiet attriċi; u (iv) jonqos fl-atturi bħala azzjonisti ta' Interpharma Company Limited l-interess dirett billi jekk inhu minnu li ġġarrbu xi danni, dawn seħħew bi ħsara għal Interpharma Company Limited u mhux bi ħsara għall-atturi. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li ħadd minnhom ma jaħti għal xi għamil mhux xieraq lejn l-atturi u għalhekk ħadd minnhom ma għandu jagħmel tajjeb għal xi danni li jippretendu l-atturi li, min-naħa tagħhom, għandhom jippruvaw kif imiss id-danni li jgħidu li ġarrbu;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-5 ta' Novembru, 2008, u semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Novembru, 2008, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' danni meħuda minn azzjonisti ta' kumpannija li jixlu lill-imħarrkin b'imġiba li tikkonkorri mal-interessi tal-stess kumpannija. L-atturi jgħidu li f'dawn l-aħħar xhur l-imħarrkin, jew min minnhom, webblu lil ditti barranin li kienu jfornu l-prodotti tagħhom lill-kumpannija Interpharma Company Limited biex jieqfu jfornuha u biex jibdew ifornu xi kumpanniji mmexxijin mill-imħarrkin Nicholl. Jgħidu li, minħabba f'hekk u minħabba li l-istess imħarrkin Nicholl bdew proċedura[1] biex jiksbu x-xoljiment u l-istralċ tal-imsemmija kumpannija, ġabu l-waqgħa tal-attivita' tal-kumpannija u t-telf tal-isem tajjeb li hija kellha fuq is-suq;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu b'għadd ta' eċċezzjonijiet. Din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-ewwel waħda minnhom li trid li r-Rikors Maħluf jitqies ma jiswiex għaliex jonqos fih wieħed mill-ħtiġiet mitluba mil-liġi – dak tat-tifsira b'mod ċar u sewwa tal-oġġett tal-kawża;

Illi l-imħarrkin jgħidu li r-Rikors imressaq mill-atturi ma jħarisx dak li titlob il-liġi proċedurali fl-artikolu 156(1)(a) għaliex ma jfissirx sewwa liema mill-allegati għemejjel abbużivi li jsemmu l-atturi jirreferu fir-rigward ta' liema mill-imħarrkin. Minħabba f'hekk, l-imħarrkin jgħidu li nżammu milli jistgħu jiddefendu rwieħhom kif jixraq;

Illi jidher li l-eċċezzjoni qiegħda titressaq taħt l-artikolu 789(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-Qorti jidhrilha xieraq tgħid li l-kwestjoni ta' x'inhu t-tifsir ċar u sewwa tal-oġġett tal-kawża ilha tkun mistħarrġa mill-qrati tagħna, u dan għaliex il-liġi ilha żmien twil titlob dan ir-rekwiżit fl-att li bih tinbeda kawża. F'waħda mis-sentenzi ewlenin dwar din il-kundizzjoni nsibu li "*e` dai termini della domanda espressa nell'ordine emanato dalla Corte, e non gia` dalle prove che in sostegno della stessa produce e puo` produrre la parte, anche nel corso del dibattimento, che il convenuto deve sapere in modo chiaro, preciso e non equivoco la cosa che si voglia da lui onde accettare quel che e` giusto e difendersi contro*

[1] Rik. Nru. 1248/07JRM

*quello che e` ingiusto. Attesoche` 'esporre' significa 'spiegare' 'esibire' 'mettere fuori' e non 'indicare', per modo di riferenza, un mezzo di prova, in sostegno di una domanda monca... (tale) da escludere la possibilita` di una riferenza incompatibile colla chiara e certa enunciazione della causa ossia delle ragioni sulla quale la domanda e` fondata*"[2];

Illi f'dan ir-rigward ingħad li "*biex ċitazzjoni*[3] *jista' jingħad li għandha kawżali suffiċjentement ċara, jeħtieġ jirriżulta rapport ta' konnessjoni raġonevolment identifikabbli bejn il-premessi miġjubin bħala l-kawża tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut. Jekk id-difett ta' kjarezza jkun tali li jarreka preġudizzju serju lill-konvenut fid-difiża tiegħu, allura ċ-ċitazzjoni għandha tiġi annullata*"[4];

Illi jidher li dak li huwa meħtieġ taħt l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi hu li, bil-mod kif ikun imfassal l-att ġudizzjarju li bih tinbeda kawża, ikun joħroġ ċar x'irid l-attur u li dak li jintalab ma jkunx f'kontradizzjoni miegħu innifsu[5], u li l-imħarrek ma jkunx miżmum milli jressaq b'mod xieraq id-difiża tiegħu għall-azzjoni mibdija kontrih[6];

Illi l-artikolu 789 (1)(d) jitkellem dwar " att li jkun nieqes minn xi partikolarita' essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi". Kif sewwa ngħad f'sentenza li ngħatat dan l-aħħar "*Il-liġi tal-proċedura hija maħsuba biex il-kawżi jimxu b'ħeffa, effiċjenza, ekonomija u ħarsien tal-jeddijiet tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali: ma humiex maħsuba biex joħolqu ħtiġijiet purament formali li jservu biss biex jagħtu lil parti mezz biex tevadi l-obbligi tagħha jew biex taħli l-ħin. Kull partikolarita' li trid il-liġi tkun 'essenzjali' meta n-nuqqas tagħha jxekkel serjament u irrimedjabbilment xi wieħed jew aktar mill-għanijiet leġittimi tal-liġi tal-proċedura msemmija fuq*"[7]. Din il-Qorti tilqa' għal kollox dan il-ħsieb u tqis li jgħodd għall-każ li għandha quddiemha;

---

[2] P.A. **1.10.1910** fil-kawża fl-ismijiet ***Ludovico Magro vs Pio Zammit*** (mhix pubblikata)

[3] Illum il-ġurnata dan jgħodd għar-Rikors Maħluf

[4] App. Ċiv. **22.5.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna vs Xuereb et*** (Kollez. Vol : **LI.i.299**)

[5] Kumm. JF **9.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina et vs Ruggier noe et*** (Kollez. Vol : **LXXIX.iv.1334**)

[6] App. Ċiv. **21.4.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul vs Gera de' Petri et*** (Kollez. Vol : **LXXIX.ii.434**)

[7] P.A. GCD **31.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Diane Vella et vs Medserv Operations Limited***

Illi fil-każ tal-lum, imbagħad, l-imħarrkin jippretendu li l-imsemmija dispożizzjoni iżjed ma ġietx imħarsa għaliex l-azzjoni saret kontra iżjed minn persuna waħda b'interessi li huma differenti minn xulxin fejn tidħol il-kwestjoni ewlenija. Huma jgħidu li r-Rikors Maħluf tant hu vag li ma jindikax sewwa għal liema mill-imħarrkin qiegħed jirreferi fil-każijiet speċifiċi fejn isemmi allegata mġiba abbużiva. Dan l-argument, filwaqt li fih x'tifhem, ma jwassalx tabilfors għar-riżultat li jġib l-att ġudizzjarju ma jiswiex. Huwa minnu li f'din il-kawża hemm aktar minn parti waħda mħarrka, imma l-azzjoni titkellem dwar għadd ta' għemejjel li qiegħed jingħad li saru f'xirka u mhux minn kull wieħed mill-imħarrkin għal rasu. Hija wkoll azzjoni għad-danni, u l-liġi nnifisha tqis sitwazzjoni fejn iżjed minn persuna waħda tkun wettqet għamil li jġib dannu li xi persuna[8] bħalma wkoll tqis sitwazzjoni fejn il-biċċa tal-ħsara li kull wieħed ikun ikkaġuna ma tkunx tista' tiġi stabilita[9];

Illi meta wieħed jgħarbel sewwa l-argument tal-eċċipjenti f'dan ir-rigward, wieħed isib li dan idur fuqu nnifsu u ma jwassalx biex tintlaqa' l-eċċezzjoni tagħhom. Fl-ewwel lok, m'huwiex minnu li l-kawżali kollha jonqsu li jsemmu min mill-imħarrkin kien involut fl-għemejjel indikati. Fit-tieni lok, l-atturi jagħmluha ċara li huma qegħdin jixlu lill-imħarrkin kollha bl-għamil dannuż li minnu huma jilmentaw. Daqstant ieħor huma jimmiraw it-talbiet tagħhom lejhom ilkoll. Fi kliem ieħor, mill-aspett għal kollox formali tar-Rikors Maħluf, l-azzjoni hija magħmula daqslikieku għal kull premessa u għal kull talba jissemmew l-imħarrkin kollha kull darba. Din l-għamla ta' tfassil ta' att ġudizzjarju tiġri kull darba li l-parti attriċi tressaq pretensjonijiet dwar l-istess fatt ġuridiku kontra aktar minn persuna waħda. Ħadd ma jiġih f'moħħu li, f'każ bħal dak, jinsisti li kull fatt jew għamil attribwit lil kull wieħed mill-partijiet imħarrka jew intimati għandu jiġi kategorikament marbut ma' dik il-parti mħarrka jew intimata;

---

[8] Ara art. 1049 tal-Kap 16

[9] Art. 1050(1) tal-Kap 16

Illi, b'żieda ma' dan il-ħsieb, imbagħad, hemm dak kostitutiv tal-imħarrkin li, minn kif jidher sewwa mill-provi dokumentali mressqin s'issa mill-atturi, huma marbutin sfiq flimkien kemm fil-binja tagħhom u wkoll fil-qasam ta' interessi kummerċjali li jaħdmu fihom. Biex ikompli jsaħħaħ din il-fehma wieħed jista' jagħmel aċċenn ukoll għall-fatt li l-imħarrkin kollha flimkien ressqu Tweġiba Maħlufa waħda. Irid hawn jiġi iċċarat li dan kollu ma jfisser bl-ebda mod li l-Qorti qegħda tiddeċiedi li kull wieħed u waħda mill-imħarrkin jaħti għax-xiljiet magħmulin fil-konfront tiegħu jew tagħhaha mill-atturi; lanqas ma jfisser li l-imħarrkin jagħmlu tajjeb għal xulxin. Kulma qiegħed b'dan jingħad huwa li r-Rikors Maħluf kif imfassal ma jistax jitqies li qiegħed jikser xi ħtieġa li trid il-liġi għas-siwi tiegħu. Xejn minn dan kollu m'huwa sejjer jeħles lill-atturi mill-obbligu li, fl-istadju opportun, jipprovaw dak li qegħdin jallegaw kif għandu jkun u sal-grad mistenni kontra kull waħda mill-persuni li għoġobhom iħarrku;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li huwa minnu tassew li n-nuqqas ta' tħaris ta' element meħtieġ f'att ġudizzjarju huwa wieħed miċ-ċirkostanzi maħsuba fil-liġi biex tintlaqa' l-eċċezzjoni tan-nullita' tal-att jekk ikun ġab lill-parti li titlob in-nullita' preġudizzju li ma jistax jissewwa jekk mhux bit-tħassir tal-att ġudizzjarju li jkun[10]. Madankollu, il-Qorti tifhem ukoll li d-dikjarazzjoni ta' nullita' tal-atti ġudizzjarji hija sanzjoni radikali li għandha tintuża eċċezzjonalment biss u meta ma jistax isir mod ieħor. Fil-każ tal-imħarrkin, jekk inhuwa minnu li l-ebda kawżali jew l-ebda talba attriċi ma jidher li tagħmel stat fil-konfront ta' xi wħud minnhom, jeżisti rimedju proċedurali li m'huwiex it-tħassir tal-att ġudizzjarju, u dan wara li jiġi mistħarreġ jekk dak li tallega fil-konfront tagħhom il-kumpannija attriċi huwiex minnu jew le. Il-kumpanniji eċċipjenti, bħal xi parti mħarrka oħra li tirriżulta li tkun fl-istess qagħda tagħha ukoll jekk ma qanqlitx l-eċċezzjoni tan-nullita', tista' tinħeles milli tibqa' fil-kawża bla ma l-att jitħassar. In-nuqqas ta' tħaris formali (kieku qatt seħħ f'dan il-każ), għalhekk, ma jkunx nissel fil-parti eċċipjenti preġudizzju li ma jistax jitneħħa jekk mhux bid-dikjarazzjoni li l-att ġudizzjarju ma jiswiex;

[10] Ara art. 789(1)(ċ) tal-Kap 12

Illi fl-aħħar nett, lanqas ma jidher li l-azzjoni kif imressqa ġabet lill-imħarrkin xi preġudizzju biex jiddefendu rwieħhom. Biżżejjed wieħed jara d-disa' paragrafu tat-Tweġiba tagħhom biex jintebah kemm ma huwiex minnu li huma ma jistgħux jiddefendu lilhom infushom mill-azzjoni attriċi. F'dak il-paragrafu, l-imħarrkin jirribattu (fejn hu l-każ) paragrafu wara l-ieħor tar-Rikors maħluf, u juru li, meta jasal il-waqt, lesti li jkomplu juru kif huma ma jaħtu xejn għal dak li jilmintaw minnu l-atturi. Ta' min jirrileva wkoll li, fl-imsemmija Tweġiba Maħlufa, huma jressqu d-difiża tagħhom kollettivament, bla ma jidentifikaw lilhom infushom individwalment fid-diversi paragrafi u fid-diversi ċirkostanzi li għalihom l-istess paragrafi jirreferu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin**, bl-ispejjeż kontra tagħhom, u tiddikjara li r-Rikors maħluf m'huwiex milqut min-nullita' msemmija mill-imħarrkin; u

**Tordna** li l-kawża titkompla bit-trattazzjoni fil-mertu.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------